MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 25/2001/1

Kummissarju ta’ l-Art

vs

Joseph Falzon & Matteola Falzon

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta’ l-Art pprezentat fit-18 ta’ Gunju, 2001 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 21 ta’ Mejju, 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond bla numru (qabel numru 66) fi Triq l-Ajkla, f’Bormla, huwa ta’ elfejn, hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm2,510) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick V Valentino A&C.E. tat-2 ta’ Novembru, 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fil-25 ta' Lujlu, 2001 fejn esponiet:

Illi l-esponenti umilment jissottomettu li l-valur tal-post esproprijat numru 66, Triq l-Ajkla, Bormla kif offrut huwa wiehed baxx hafna ghal dak li jiswa verament u ghalhekk dak li gie sottomess mill-esponenti fl-ittra ufficjali taghhom huwa aktar rejalistiku u ghalhekk il-hlas dovut ghandu jkun ta' tnax-il elf lira (Lm12,000).

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

1. Il-periti mahtura, wara li raw id-deposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza specifika ghall-

artikolu 27, stmaw l-art bhala wahda fabbrikabbli u ffissaw il-kumpens fl-ammont ta’ Lm7,000.

2. L-istima maghmula mill-Perit Frederick Valentino ghar-rikorrent tasal sa l-ammont ta’ Lm2510.

3. L-istima maghmula mill-Perit Herbert Debono tasal sa l-ammont ta’ Lm12,000.

4. Il-Bord jaghmel tieghu r-realzzjoni tal-periti teknici li hija parti shiha minn din is-sentenza u jiffissa l-kumpens fl-ammont ta’ Lm7,000.

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati li jittrasferulu bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut il-fond bla numru (qabel numru 66 fi Triq l-Ajkla, Bormla) bil-kumpens ta’ Lm7,000; Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 29 ta’ Novembru 2006 fid-9:30a.m fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dottor David Farrugia Sacco biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci, li ghandu jigi mgharraf bil-hatra bil-miktub mir-rikorrent; l-ispejjez ghandhom jigu batuti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------